5 ta' Marzu, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Pace

**Sentenza — Nullità — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Xogħol ta' Bini — Avviż lis-Suprintendent tas-Saħħa Publika — Pjanta — Art. 85 (9) (i) tal-Kap. 13.**

*Meta l-akkuża kontra l-imputat tiġi mibdula f'oħra, u l-Maġistrat fid-dispożittiv tas-sentenza jikkundanna l-imputat għax "sab l-akkuża pruvata" u "sab l-imputat ħati", wara li, però, ikun enunċja l-ewwel imputazzjoni "kif kienet fil-bidu", il-kundanna tkun relattiva għall-imputazzjoni kif kienet qabel, u mhux kif ġiet mibdula.*

*Fil-każ ta' sentenza simili, jekk dina tiġi appellata, il-Qorti tal-Appell ikollha quddiemha dikjarazzjoni ta' reità dwar l-imputazzjoni oriġinarja; u għalhekk il-kompitu tagħha hu dak li tara jekk hix sostnuta l-imputazzjoni kif kienet fil-bidu, u mhux l-imputazzjoni kif ġiet mibdula; għax dwar l-imputazzjoni kif mibdula ma kienx hemm sentenza, u għalhekk il-Qorti ma tistax tokkupa ruħha b'dik l-imputazzjoni mibdula. Il-Qorti għandha tara jekk hix sewwa jew le s-sentenza kif fil-fatti hi, u mhux kif kellha tkun.*

*Fil-każ ta' sentenza simili ma jkunx hemm kwistjoni ta' nullità tas-sentenza appellata, imma si tratta li l-Qorti tara, b'revizjoni in sedi ta' appell, jekk l-Ewwel Qorti kienetx ġustifikata sib l-imputat ħati tal-imputazzjoni kif kienet qabel. In-nullità ma tidħolx affattu.*

*L-akkuża li wieħed għamel xogħol ta' bini mingħajr ma ta avviż lis-Suprintendent tas-Saħħa Publika mhix sostnuta jekk jirriżulta li huwa bena fuq pjanta approvata mis-Sanità; għax jekk kien hemm pjanta, ovvoldiri li l-bini ma sarx bla avviż lis-Suprintendent tas-Saħħa Publika; għax, skond il-liġi, il-pjanta tinbagħat mal-avviż.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat,

talli f'dawn il-ġranet, il-Belt, Archbishop Street numru 51, (1) għamel xogħol ta' bini mingħajr ma ta avviż lis-Suprintendent tas-Saħħa Publika, u barra minn dan, (2) żamm il-lokijiet imniffdin dritt ma' kamra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Diċembru 1954, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni, u tagħtu xahrejn żmien biex jottempera ruħu mall-liġi taħt penali ta' 2s. 6d. kull jum f'każ ta' nuqqas;

Rat ir-rikors li biħ l-imputat talab ir-revoka tas-sentenza fuq *imsemmija u li jiġi assolt;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-ewwel imputazzjoni kienet din li ġejja: — "Għamilt xogħol ta' bini mingħajr ma tajt avviż lis-Suprintendent tas-Saħħa Publika";

B'digriet tal-Qorti tal-ewwel istanza tal-10 ta' Novembru 1954, din l-imputazzjoni ġiet mibdula f'oħra, ċjoe' (ara verbal fol. 3) "illi l-imputat naqas li jżomm id-dar skond il-pjanta approvata *mill-Awtorità Sanitarja*";

Gaia, però, illi fis-sentenza appellata (kopja fol. 8) il-Maġistrat, fl-ewwel paragrafu tas-sentenza, enunċja din l-ewwel imputazzjoni "kif kienet fil-bidu", u fid-dispożittiv ikkonkluda bil-kliem "issib l-akkuża pruvata", u l-kliem l-oħra "issibu ħati";

Peress li f'dawn il-kliem tad-dispożittiv il-Maġistrat ma qalx li l-Qorti ssib pruvata t-"tali" akkuża, jew issib l-imputat ħati "tat-tali" reat, imma qal sempliċement "issib l-akkuża pruvata" u "issibu ħati", għalhekk dawk il-kliem tad-dispożittiv "bilfors" għandhom jiġu mgħaqqda mal-parti espożittiva tas-sentenza, fejn din l-ewwel imputazzjoni tinsab indikata bħala dik "li l-imputat għamel xogħol ta' bini mingħajr ma ta avviż lis-Suprintendent tas-Saħħa Publika";

Fi ftit kliem, din il-Qorti għandha quddiemha, relattivament għal din l-ewwel imputazzjoni, dikjarazzjoni ta' reità. u kundanna, relattivi għal dan ir-reat, ċjoè li l-imputat għamel xogħol ta' bini mingħajr ma ta avviż lis-Suprintendent *tas-Saħħa Publika. Għalhekk il-kompitu* **ta' din** il-Qorti hu dak li tara jekk din id-dikjarazzjoni **ta' reita'** ta' dan ir-reat u kundanna konsegwenzjali humiex sostnuti jew

le. Din il-Qorti ma għandhiex quddiemha dikjarazzjoni ta' reita' tal-imputazzjoni kif mibdula, li ċjoè l-imputat ma żammx id-dar skond il-pjanta approvata, "għax dwar din l-imputazzjoni kif mibdula ma kienx hemm sentenza", u għalhekk din il-Qorti ma tistgħax tokkupa ruħha b'dik l-imputazzjoni mibdula. Din il-Qorti qegħedha tirrivedi s-sentenza appellata; dik is-sentenza sabet ħati lill-imputat, kif ġie fuq spjegat, tal-imputazzjoni oriġinali, tajjeb jew ħażin, u issa din il-Qorti għandha tara jekk dik is-sentenza, kif fil-fatt hi, u mhux kif kellha tkun, hijiex sewwa jew le;

Għalhekk, ir-riljevi kontenuti fin-nota tal-Prosekuzzjoni fol. 17 ma humiex attendibbli. Intqal f'dik in-nota li l-korrezzjoni saret regolarment u li l-imputat ma ġiex sorpriż. Dan hu veru, imma s-sentenza issa dik hi, u mhux oħra. Intqal li si stratta ta' sempliċi teknikalità li ma tbiddelx is-sustanza tal-ġustizzja, u li għandu jiġi evitat il-formaliżmu eżaġerat, mentri hu ċar li din il-Qorti assolutament ma tistgħax tqies is-sentenza appellata bħala li sabet l-imputat ħati tal-imputazzjoni kif mibdula, jekk it-termini inkontestabbli tas-sentenza, hu żbali jew le, huma tali li ma jammettux bl-ebda mod imputazzjoni oħra ħlief dik oriġinali. Intqal ukoll li n-nullitajiet ma għandhomx jiġu estiżi, u li, se maj, din il-Qorti, jekk tannulla, tista' terġa tidħol fil-meritu, mentri non si tratta affattu ta' nullità, imma si tratta li din il-Qorti tara, b'reviżjoni in sedi ta' appell, jekk l-Ewwel Qorti kienetx ġustifikata ssib l-imputat ħati tal-imputazzjoni li għamel xogħol ta' bini mingħajr ma ta avviż lis-Suprintendent tas-Saħħa Publika. In-nullità ma tidħolx affattu;

Fill-meritu;

Bl-istess verbal fol. 3 l-Prosekuzjzoni qegħedha tammetti li kien hemm pjanta approvata mis-Sanità. Jekk kien hemm pjanta, allura vwoldiri li l-bini ma sarx bla avviż lis-Suprintendent tas-Saħħa Publika; għax skond l-art. 85 (p) (i), Kap. 13 Ediz. Riv., il-pjanta tinbgħat mal-avviż. Għalhekk, "ex admissis", l-imputazzjoni li tagħha sabitu

ħati l-Ewwel Qorti, dik ċjoè li bena bla ma ta avviż, ma hijiex sostnuta;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell dwar l-ewwel imputazzjoni, u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata relattiva għal dik l-ewwel imputazzjoni, tiddikjara l-imputat mhux ħati ta' dik l-imputazzjoni, u tneħħi kull piena relattiva; u tirrinvija l-kawża għas-26 ta' Marzu 1955 għall-kontinwazzjoni u trattazzjoni fuq l-imputazzjoni l-oħra.